# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 22**

**Rikors maħluf numru 682/2008/1 JA**

**Il-Perit Joseph Paul Mallia, Mary Sammut, il-Perit David Mallia, it-Tabib Joseph George Mallia, Annunziata *sive* Nancy Bugelli, Henry Garrett u Jane Garrett**

***v.***

**Joseph Zammit u martu Eugenia Zammit**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti konjuġi Zammit minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2014 li sabet illi l-konvenuti appellanti qegħdin jokkupaw mingħajr titolu li jiswa fil-liġi parti minn kamra tal-atturi, u għalhekk ordnat l-iżgumbrament tagħhom.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-atturi jgħidu li huma s-sidien ta’ parti minn kamra fil-Bajja ta’ San Tumas, u illi l-parti l-oħra tal-kamra hija tal-Gvern ta’ Malta. L-awtur tagħhom, Giuseppe Mallia, kien akkwista “għalqa ta’ aktar minn erba’ tomniet” bis-saħħa ta’ żewġ kuntratti li saru fit-3 ta’ Settembru 1911 quddiem in-Nutar L. Cassar u fil-11 ta’ Settembru 1928 fl-atti tan-Nutar G. Vella. Il-werrieta ta’ dan Giuseppe Mallia kienu biegħu parti mill-għalqa u kamra u parti minn kamra oħra u mogħdija lill-gvern.

3. Billi jgħidu illi l-parti tal-kamra li ma nkisbitx mill-gvern hija tagħhom, u din il-kamra llum hija f’idejn il-konvenuti bla titolu, l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

> »(i) tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom qegħdin jokkupaw illegalment u abbużivament u mingħajr ebda titolu fil-liġi l-kamra li tinsab fi Triq ir-Ramla ta’ San Tumas, il-Bajja ta’ San Tumas, … … … jew iktar speċifikament dik il-parti tal-istess kamra li tappartjeni lill-atturi … … …
>
> »(ii) tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex jiżgombraw mill-istess kamra u / jew sabiex jiżgombraw minn dik il-parti tal-kamra appartenenti lill-atturi … … …

4. Il-konvenuti konjuġi Zammit ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. illi, l-atturi, qabel xejn, jeħtiġilhom illi jipprovaw it-titolu ta’ proprjetà minnhom vantat sal-grad rikjest mill-liġi;
>
> »2. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondanti kemm bħala fatt u kemm bħala dritt u dan minħabba illi essenzjalment l-atturi ma jgawdu ebda titolu validu fuq l-art jew il-kamra mertu tal-kawża, u b’hekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrihom stess.«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »… … … tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet kollha attriċi b’dan li tordna lill-konvenuti biex fi żmien xahar jiżgumbraw minn dik il-parti imsemmija mill-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu. Il-qorti tinnomina lill-A.I.C. Mario Cassar … biex jissorvelja x-xogħlijiet neċessarji għal dan il-għan.

»L-ispejjeż tal-kawża u l-eżekuzzjoni tagħha jkunu kollha a kariku tal-konvenuti.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»Illi l-atturi qed jirreklamaw illi l-konvenuti abusivament qed jokkupaw proprjetà tagħhom u allura qed jitolbu l-iżgumbrament tagħhom minnha. Il-konvenuti qed jeċċepixxu sostanzjalment illi l-art in kwistjoni mhijiex tal-atturi; waqt il-kors tal-kawża huma kjarament sostnew li l-art proprjetà tal-atturi ma testendix sal-ambjenti msemmija, li, skont huma, hija proprjetà tal-Gvern ta' Malta. Għalhekk din hija l-hekk imsejħa azzjoni rivendikatorja.

»Illi hu risaput tradizzjonalment illi f'kawża simili l-attur mingħajr ebda ombra ta' dubju jrid jipprova t-titolu tiegħu … … …

»… … …

»Illi l-atturi esebew il-kuntratti relattivi li permezz tagħhom huma akkwistaw l-proprjetà in kwistjoni. L-attur il-Perit Mallia, jgħid fl-affidavit tiegħu illi:

> » "Il-proprjeta' mertu tal-kawża hija parti minn kamra tal-kejl superfiċjali ta' madwar 25m$^2$, li għandha faċċata ta' madwar 5 metri, b'fond ta' madwar 5 metri. Din kienet oriġinarjament tan-nannu patern tiegħi Joseph Mallia; in-nannu tiegħi kien akkwista l-proprjetà fil-bidu tas-seklu l-ieħor permezz ta' diversi kuntratti u llum hija proprjetà tal-atturi kollha, u minnha jien għandi parti indiviża. … … …
>
> »"… … …
>
> »"Ngħid illi fis-26 ta' Mejju 2006 kellna laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali tal-*Lands Department* minħabba d-delimitazzjoni tal-art tagħna fejn tmiss mal-art tal-gvern. Dakinhar fuq il-post kien hemm ukoll Joseph Zammit, il-konvenut, li mid-diskors mal-uffiċjali tal-*Lands* irriżulta li huwa ma kellu l-ebda titolu għal kamra li kien qed jokkupa u li parti minnha kienet tagħna. Dakinhar, tal-*Lands*, ikkonfermaw lil Zammit li l-art ta' wara l-kamra li qed jokkupa ma kenitx tal-gvern. Joe Bugelli … dak il-ħin talab lil Żammit biex inaddaf ħajt baxx li kien bena fuq din il-parti peress li l-għalqa ta' wara il-kamra kienet tagħna.
>
> »"Fid-9 ta' Ġunju 2006 … iltqajna fuq il-post ma' Bonnici, terza persuna li kellna proċeduri anke fil-konfront tiegħu, u kien hemm jikkumpanja lil John Bonnici sieħbu Joseph Zammit. Lil Zammit għidtlu li parti mill-kamra li qiegħed jokkupa hija tagħna u quddiemu kejjilt bir-rutella u mmarkajtlu mal-ħajt fejn hija l-linja diviżorja. Zammit kien mingħalih li l-kamra in kwistjoni hija kollha tal-gvern.
>
> »"Fl-ittra bl-avukat tat-28 ta' Ġunju 2006 tlabna lil Zammit biex jgħaddi lura lilna l-parti mill-kamra li qiegħed jokkupa illegalment u li mhijiex proprjetà tal-gvern.

»"Peress li Zammit baqa' ma żgumbrax, is-sidien ftehemna li noffrulu kirja biex nippermettulu jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu fil-konfront tagħna. Għaldaqstant, permezz ta' Joe Bugelli offrejna lil Zammit il-kirja tal-parti tal-kamra li hija tagħna għall-prezz ta' €50 fis-sena għal perjodu ta' sentejn. Iżda Zammit ma aċċettax din l-offerta u għadu jokkupa llegalment il-proprjetà tagħna."

»Illi d-dokumenti esebiti … ma jħallu ebda dubju li l-atturi huma proprjetarji tal-art imsemmija fir-rikors; il-kwistjoni kienet fil-fatt sa fejn testendi din l-art.

»Illi l-perit tekniku ma kellu ebda dubju fir-rapport tiegħu … li l-parti kontiża hija wkoll tal-atturi u fil-fatt ikkonkluda illi kien identifika l-parti mill-kamra okkupata mill-konvenuti li għandha tiġi integrata mal-proprjetà tal-atturi.

»Illi l-qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi għalhekk ma tarax għaliex m'għandhiex tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. … … …«

7. Il-konvenuti konjugi Zammit appellaw b'rikors tal-20 ta' Marzu 2014 li għalih l-atturi wieġbu fit-28 ta' Marzu 2014.

8. Il-konvenuti jgħidu illi l-ewwel qorti ma kellhiex toqgħod fuq ir-rapport tal-perit tekniku meta d-dokumenti tar-Reġistru tal-Artijiet juri li l-parti tal-kamra li dwarha saret il-kawża hija tassew tal-gvern u mhux tal-atturi. Fissru l-aggravji tagħhom hekk:

»1. … … … dak li jinsab effettivament kontestat mill-esponenti permezz tal-azzjoni odjerna huwa l-allegat titolu tal-atturi fir-rigward tal-kamra mertu tal-kawża odjerna.

»2. illi f'dan ir-rigward l-ewwel onorabbli qorti ġustament indikat fis-sentenza appellata il-prinċipji legali applikabbli għal azzjoni bħal dik odjerna u li, fuq kollox, jirreferu għall-oneru tal-prova imqiegħed fuq min – bħall-atturi – jkun qed jirrivendika t-titolu u *inoltre* jitlob l-iżgumbrament ta' terzi fir-rigward tal-proprjetà mertu tal-azzjoni.

»3. … … …

»4. illi madanakollu hija l-umli sottomissjoni tal-esponenti li l-ewwel onorabbli qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ġiet sabiex tapplika proprju l-prinċipju surreferit għall-każ in eżami. Jingħad l-ewwel u qabel kollox li l-uniku eżerċizzju mwettaq mill-ewwel onorabbli qorti, bil-kontra ta' dak minnha stess premess fl-istess sentenza appellata kif hawn fuq kwotat, kien li sempliċement tagħmel tagħha r-riżultanzi tekniċi tal-perit imqabbad minnha *ai fini* li tiġi determinata l-linja diviżorja bejn il-proprjetà tal-gvern u dik effettivament appartenenti lill-atturi.

»5. … … …

»6. … … … id-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti li sempliċement tikkondividi l-konklużjonijiet tal-perit tekniku mingħajr lanqas biss issir ebda referenza għall-bqija tal-provi imressqin quddiemha wassal proprju għal riżultat skorrett in kwantu għal kollox żbilanċjat tenut kont li r-riżultanzi tekniċi ġew li annullaw kompletament dak li kien legalment irriżulta proprju permezz tal-provi imressqin mill-partijiet rispettivi.

»7. … … … bl-aktar mod ċar kien xehed fir-rigward tal-proprjetà mertu tal-kawża odjerna Dr Claude Sapiano li, in rappreżentanza tar-Reġistru tal-Artijiet ikkonferma u eżebixxa "ċ-ċertifikat bil-pjanta annessa u hi reġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta". Hekk ukoll xehed Charles Attard li kkonferma "Din il-proprjeta' hija reġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta allura dak ikun titolu garantit ma tistax issir oġġezzjoni għaliha". … … … B'hekk jinsab ċertament konfermat li *ai fini* tar-Reġistru tal-Artijiet mingħajr ebda ombra ta' dubbju li l-proprjetà mertu tal-kawża tinsab reġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta u koperta bit-titolu relattiv fi ħdan ir-Reġistru tal-Artijiet.

»… … …

»10. illi mill-aspett prettament legali l-effett ta' tali titolu illum il-ġurnata huwa magħruf. L-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet (Kap. 296 tal-Liġijiet ta' Malta) kien introdott bl-Att XXXV tal-1981 bl-iskop li "iwaqqaf Reġistru tal-Artijiet biex jirregola r-reġistrazzjoni ta' titolu għal art, u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li huma inċidentali għal dan u konnessi miegħu". Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Mejju 2003 fil-kawża <u>Grima *et v.* Frendo *et*</u> il-Kap. 296 kienet liġi speċjali li biha:

> »"… … … il-leġislatur ried joħloq sistema li permezz tagħha jkunu jistgħu jinħarġu ċertifikati ta' titolu li jagħtu lill-pussessur tagħhom titlu assolut *erga omnes* u biex b'hekk tkun tinħoloq sitwazzjoni ta' ċertezza għal dak li jirrigwarda titli fuq proprjetà immobiljari … … … Ir-reġistrazzjoni ta' kull persuna bħala sid ta' art b'titolu garantit jagħti lil persuna hekk reġistrata titolu irrevokabbli għaliha, jiġifieri, titolu li ma jistax jiġi megħlub ħlief kif provdut f'dan l-Att … …".

»Għalhekk meta jinħareġ iċ-ċertifikat tat-titolu, dak it-titolu mhux aktar sindakabbli mill-qrati ħlief fiċ-ċirkostanzi speċifikament kontemplati bil-Kap. 296. Bl-emendi tal-1995, it-titolu minn assolut sar garantit. Għalhekk fil-każ ta' dawk l-immobbli li jaqgħu fl-ambitu ta' arja ta' reġistrazzjoni, ladarba l-Kap. 296 huwa *lex specialis*, hija l-liġi applikabbli.

»11. illi l-ewwel onorabbli qorti lanqas biss ikkunsidrat li r-Reġistratur tal-Artijiet huwa, permezz tal-istess liġi, mogħti setgħat kważi ġudizzjarji li jiddetermina min għandu jiġi reġistrat bħala 'sid' tal-art u għal dan il-fini huwa għandu l-obbligu li jeżamina l-fatturi kollha relevanti tal-każ li jistgħu iwassluh għal deċiżjoni ġusta fuq il-mertu. L-istess reġistratur għandu l-poter u l-funzjoni li jiddeċiedi dwar dan tant illi l-liġi tipprovdi rimedju ta' appell proprju kontra tali deċiżjoni.

»12. Ili f'dan ir-rigward jinsab deċiż li:

> »"Ir-Reġistratur tal-Artijiet jindaga dwar it-titolu biss għall-fini ta' reġistrazzjoni; però sa hawn u għall-finijiet u effetti kollha ta' tali reġistrazzjoni, d-deċiżjoni tiegħu, kif soġġetta għall-appell ... fit-termini preskritta u stabiliti fl-istess liġi, hija vinkolanti. Hu fatt li

skond il-Kap. 296, reġistrazzjoni ta' persuna bħala sid ta' art b'titolu garantit jagħtiha 'titolu irrevokabbli għaliha, jiġifieri, titolu li ma jistax jiġi megħlub ħlief kif provdut f'dan l-Att' (artikolu 22)." (Emanuel Micallef *et v.* Carmelo Farrugia *et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'Ottubru, 2011).

»13. illi issa fil-każ in eżami huwa ċar li l-atturi qed jippretendu li huma proprjetarji tal-fond li jinsab kopert miċ-ċertifikat ta' titolu maħruġ mir-Reġistratur tal-Artijiet favur il-Gvern ta' Malta u li da parti tagħhom ma għamlu l-ebda azzjoni sabiex tali titolu ma jibqax ikollu effett tant illi kif jingħad hawn fuq l-istess Dr Claude Sapiano xehed li t-titolu fi ħdan ir-Reġistru tal-Artijiet jgħajjat lill-Gvern ta' Malta. Sfortunatament l-ewwel onorabbli qorti lanqas biss jidher li kkunsidrat dan il-punt u huwa għalhekk li jingħad li r-riżultanzi tal-perit tekniku servew sabiex jiżnaturaw il-prinċipji legali li kellhom jiġu ċertament ritenuti applikabbli għall-każ in eżami.

»… … …«

9. L-atturi wieġbu hekk:

»illi jidher illi l-aggravji ta' l-appellanti jistgħu jiġu raggruppati taħt tliet kapijiet: (i) illi ma saritx il-prova tat-titlu ta' l-atturi appellati; (ii) illi l-atturi qed javvanzaw pretiżi fuq proprjetà reġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta; u (iii) illi l-ewwel onorabbli qorti ordnat lill-appellanti jiżgumbraw minn proprjetà li mhijiex tal-atturi appellati iżda li tappartjeni lill-Gvern ta' Malta. Jiġi sottomess illi l-ebda waħda minn dawn l-aggravji ma hija fondata, la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

»illi war il-prova tat-titlu, jidher ċar illi d-difiża tal-konvenuti appellanti kienet illi huma qed jokkupaw proprjetà li tappartjeni lill-Gvern ta' Malta u mhux lill-atturi appellati; l-atturi, min-naħa tagħhom, ippruvaw mhux biss illi għandhom il-proprjetà kollha adjaċenti għall-proprjetà tal-Gvern f'dawk l-akkwati, talli ippruvaw illi anke t-titlu tal-Gvern stess ġew minn bejgħ li sar mill-antenati tal-atturi lis-servizzi ingliżi; tali prova saret permezz ta' kuntratti awtentikati skond il-liġi u li b'ebda mod ma ġew impunjati;

»illi dwar it-titlu tal-Gvern ta' Malta, dan irriżulta li jkopri parti diviża mill-kamra okkupata mill-konvenuti appellanti; jidher illi, meta s-servizzi ingliżi esproprjaw parti mill-proprjetà tal-antenati tal-atturi, il-linja diviżorja għaddiet minn ġo kamra partikolari, li kien hemm il-ħsieb li tiġi mwaqqa'. Dan iżda baqa' qatt ma ġara, b'mod illi din il-kamra għada sa llum bil-linja diviżorja għaddejja minn ġo fiha. L-esponenti b'ebda mod ma huma qed javvanzaw pretiżi fuq dik il-parti tal-kamra li tappartjeni lill-gvern, u r-rapport tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar kien intiż esklussivament sabiex jiġu verifikati fuq il-post il-pjanti tar-Reġistru tal-Artijiet meta mqabbla mal-pjanti annessi mal-kuntratti oriġinali; l-esponenti jaċċettaw interament sija r-reġistrazzjoni kif magħmula u sija r-rapport tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar kif ibbażata fuq tali reġistrazzjoni; is-sentenza, għalhekk, hija bbażata interament fuq il-pjanti sottomessi mill-Gvern ta' Malta stess lir-Reġistratur tal-Artijiet, b'mod illi dak li huwa pretiż mill-Gvern ta' Malta b'ebda mod ma huwa suġġett tas-sentenza appellata;

> »illi, finalment, mhuwiex minnu li l-konvenuti appellanti ġew ordnati jiżgumbraw minn proprjetà tal-Gvern ta' Malta (għalkemm qegħdin jokkupaw tali proprjetà illegalment); it-talbiet attriċi, sija l-ewwel talba dikjaratorja u sija t-tieni talba għall-iżgumbrament, kienu t-tnejn magħmulin b'mod alternattiv billi jirreferu għall-kamra u / jew għall "dik il-parti tal-kamra appartenenti lill-atturi …", u l-ewwel onorabbli qorti korrettement ordnat l-iżgumbrament biss minn dik il-parti tal-kamra li rriżulta li mhijiex kompriża fir-reġistrazzjoni tat-titlu tal-Gvern ta' Malta u li għall-kuntrarju rriżultat li hija tal-atturi appellati, skond il-pjanta mħejjija mill-Perit Tekniku AIC Mario Cassar.«

10. Huwa prinċipju *ormai* stabbilit illi f'kawża revindikatorja bħal dik tallum l-atturi mhux biss iridu iġibu prova tat-titolu tagħhom ta' proprjetà fuq il-ħaġa revindikata iżda wkoll dik il-prova trid tkun kompleta u konklużiva, b'mod li kull dubju jmur favur il-possessur konvenut. Il-konvenut ma hu msejjaħ iressaq ebda prova favur tiegħu sakemm il-prova ta' proprjetà titressaq mill-atturi.

11. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ma jistax jingħad illi l-provi li ressqu l-atturi ma jħallux dubju dwar il-pretensjoni tagħhom. Bla ma nqisu l-fatt illi l-atturi ma wrewx kif it-titolu għadda għandhom mingħand il-predeċessur tagħhom Giuseppe Mallia, billi ma jidhirx li dan ġie kontestat mill-konvenuti, il-provi mressqa mill-konvenuti li juru li din l-art hija reġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta li għandu titolu garantit fuqha ma jistgħux ma joħolqux dubju, u dubju serju ferm, dwar il-pretensjoni tal-atturi.

12. Fis-seduta quddiem l-ewwel qorti tas-27 ta' Ġunju 2011 l-Avukat Claude Sapiano f'isem ir-Reġistru ta' l-Artijiet esebixxa ċertifikat tat-titolu li l-Gvern ta' Malta għandu fuq l-art[1] u ikkonferma bil-ġurament

[1] Dok. CS1, *foll.* 157 sa 159.

illi l-art in kwistjoni (li hija *shaded* bil-kulur aħmar fil-pjanta li tinsab *a fol*. 159 tal-proċess) “hi reġistrata f’isem il-Gvern ta’ Malta”.

13. Is-Sur Charles Attard, rappreżentant ieħor tar-Reġistru ta’ l-Artijiet, ukoll ikkonferma li l-art in kwistjoni li hija “l-proprjetà reġistrata biċ-ċertifikat tat-titolu numru 35000151[2] … hija reġistrata f’isem il-Gvern ta’ Malta”.

14. Dan iċ-ċertifikat ta’ titolu jagħti favur il-Gvern ta’ Malta titolu assolut li jiswa *erga omnes* sakemm ma jitħassax b’sentenza tal-qorti u għalhekk ma jistax jingħad illi l-art hija tal-atturi bħallikieku dak iċ-ċertifikat ma jiswiex. Dan joħroġ mill-artt. 21 u 22 ta-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Artijiet:

> »**21**. (1) ...
>
> »(2) Meta l-art ... ... ... tkun ser tiġi reġistrata f’isem il-Gvern ta’ Malta ... għandha tiġi reġistrata b’titolu garantit.
>
> »(3) Meta art tkun reġistrata, din għandha titqies li ġiet hekk reġistrata b’seħħ mid-data li fiha l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tkun ġiet imdaħħla fil-ġurnal.
>
> »**22.** Ir-reġistrazzjoni ta’ kull persuna bħala sid ta’ art b’titolu garantit jagħti lil persuna hekk reġistrata titolu irrevokabbli għaliha, jiġifieri, titolu li ma jistax jiġi megħlub ħlief kif provdut f’dan l-Att, flimkien mad-drittijiet, il-privileġġi u l-appartenenzi kollha li jkollhom x’jaqsmu ma’ dik l-art… … …«

15. Biex ma jinħoloq ebda ekwivoku, ma huwiex qiegħed jiġi dikjarat illi l-art hija tal-gvern – il-gvern ma huwiex parti fil-kawża u għalhekk ma jistgħux isiru dikjarazzjonijiet favur tiegħu – iżda li qiegħed jingħad hu illi hemm prova valida li toħloq dubju serjissimu dwar il-pretensjoni tal-atturi li l-art hija tagħhom.

16. Fid-dawl ta’ dan kollu, u peress ukoll li ma tressqet ebda prova li l-atturi appellati qatt għamlu talba sabiex din l-art tiġi reġistrata

[2] *Fol.* 162.

f'isimhom jew li qatt attakkaw iċ-ċertifikat ta' titolu favur il-Gvern ta' Malta, din il-qorti hija tal-fehma illi ma jistax ikollha l-konvinċiment morali li lill-atturi seħħilhom jagħmlu prova kif trid il-liġi tat-titolu pretiż minnhom. L-appell tal-konvenuti għalhekk għandu jintlaqa'.

17. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.

18. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm